MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2343/2000/1

**Theresa Grech Lassoued**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-Qorti tal-15 ta' Novembru 2000 gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Abdelkrim Ben Hedi Lassoued**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici kienet ghamlet cerimonja taz-zwieg mal-konvenut nhar il-31 ta' Mejju 1997 fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt, Valletta.

U illi l-konvenut sa mill-bidunett beda juri li qatt ma kellu l-hsieb li jghix u jassumi l-obbligi ta’ hajja mizzewga.

U li meta l-konvenut kiseb il-kunsens ta’ l-attrici b’qerq dwar kwalita’ tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga.

U illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null skond l-artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici Theresa Grech Lassoued tal-25 t’Ottubru 2000 fejn talbet li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti fl-atti ta’ din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relatati u sussegwenti.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta’ Novembru 2000 fejn laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Martin Fenech u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-23 ta’ Marzu 2001 a fol. 21 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw illi jirrispondu f’aktar dettal u precizjoni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 22 tal-process.

Rat il-verbali 14 ta' Gunju 2001; tal-24 ta' Settembru 2001; tal-21 ta' Jannar 2002; tal-25 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-11 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Reno Borg ghall-attrici pprezenta tliet affidavits. Il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits kollha attrici ghall-ahhar darba bi tletin (30) gurnata ohra, wara liema l-attrici ddikjarat li ma jkollhiex provi aktar. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' tletin jum li jibdew jiddekorru mill-11 ta' Lulju 2002; tat-13 ta' Novembru 2002 Dr. Reno Borg ghall-attrici esebixxa l-ahhar affidavit tal-attrici u ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-Qorti kkonfermat d-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2002 ghall-affidavits tal-konvenut, pero' bit-terminu jibda jiddekorri mill-gdid; u tat-12 ta' Frar 2003 fejn Dr. Martin Fenech bhala kuratur deputat li nforma lill-Qorti li ma rnexxielux jikkomunika mal-assenti anke peress li l-indirizz tieghu ma giex indikat lilu. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Mejju 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

- **DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. B'dan il-legislatur ma' riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita' shiha u

perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (*vide* **"Angela Spiteri nee Selvaggi vs Joseph Spiteri"** P.A. 4 ta Novembru 1994).

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, irriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita". (**Clagiovanni*** – **Forum 1990**, *Vol I pt. 1 pg.72).*

Illi pero' kif inghad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza:-

*"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conocienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richediedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine 'dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (***Pompedda M.F***. **"Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti

f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cjoe`:-

- *La piena avvertenza*

- *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza" si riferisce alla sfera intellettiva, "il deliberato consenso " a quella volitiva." ……*

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita' affettiva ……… la maturita' di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

*"La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e' possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio)". (****Bersini F.*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale".** Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring". (****Viladrich, P.J.***

**“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated “** (Monteal, (1993) pg. 686.)

Illi l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **“Janet Portelli vs Victor Portelli”** addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

*“It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

*When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial; Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.”* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta’ Malta tal-11 ta Mejju 1990 **Coram Bajada. Forum 2 (1991)** pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li:-

*“Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgement which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake* ***(Bruno,*** 30 ta’ Mejju 1986 **“Monitor Ecclesiasticus LXII”** (1987) 542/543)”.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif

sostniet il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Cit. Nru. 1564/97 RCP) u **"Kevin Spiteri vs Dr.Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000 - Cit. Nru. 2443/97 RCP).

**(ii) Qerq.**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94 VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the*

*gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (***Viladrich P.J.*** **Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra **("Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi issir riferenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada *sive* Mahmoud Ali Ibida"** (P.A. (N.A.) 10 ta' Ottubru 1995) u **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Jannar 1998) u cjoe' li:-

*"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali ntenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament.*

Illi fi kliem il-gurista ***Castano*:-**

*"… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone puo' essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il*

*modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi* <u>*kollha*</u> *kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabilita', li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva msemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta' Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **"Pauline Ahmed nee' Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (VDG) Cit. Numru 171/95 VDG), din Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc … L'esclusione del matrimonio si puo' verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta' prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico …."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale**, Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114).

*Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi* ***"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"*** *(P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u* ***"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"*** *(P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u* ***"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua"*** *(P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, u f'dan il-kaz sabiex il-konvenuta jkun aktar facli ghaliha li bhala Maltija takkwista l-visa lejn l-Istati Uniti, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-****artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.***

**<u>(ii) PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi **l-attrici** permezz tal-affidavit taghha xehdet illi:-

*"Nghid illi kont iltqajt ma' Abdel Kenim li huwa Tunezin. Dan kien gie fil-hanut ta' missieri f'Rahal Gdid u qalli sabiex nohrog mieghu. Jiena kelli tnejn u ghoxrin (22) sena u nghid illi qatt ma kont hrigt ma' guvni qabel. L-idea tieghi kienet li meta nohrog ma' guvni dan ikun bis-serjeta` bl-iskop li nibni familja maghquda kif trabbejt jien.*

*Dan il-guvni tani x'nifhem li kien bniedem serju u qalli li kien jistudja l-Universita dak iz-zmien. Kien qalli li kien qed jistudja ghal 'teacher' ta' l-Ingliz. Meta konna nohorgu flimkien, ghal xi sena u nofs, kien iweghdni li jkollna familja kuntenta u li nibqghu nghixu f'Malta ghaliex lil Malta kien ihobbha hafna. Jiena meta rajt dan kollu, hsibt li dan il-guvni kien ser jaghtini dak li kont nixtieq u ghalhekk accettajt li nizzewgu.*

*Peress li konna ta' religjon differenti zzewwigna bic-civil. Mill-ewwel kif izzewwigna bdew il-problemi. Abdel Karim u jien ma stajniex naqblu ghaliex beda jaghmel kollox bil-maqlub ta' dak li kien weghdni qabel. Ghalih spiccajt biss*

*oggett u beda jittrattani bl-aktar mod annimalesk anke waqt is-sess. Kien ikun irid ikollu x'jaqsam mieghi u jqajjimni anke f'nofs ta' lejl u f'hinijiet strambi. Ma kienx jirraguna. Beda jittrattani qisni annimal u kien ikun irid affarijiet minni li jitqiesu annimaleski.*

*Qabel iz-zwieg kien jghidli,“ Se niehu c-cittadinanza Maltija ghaliex nirrispettak, biex nibqa' Malta”. Wara z-zwieg kien mohhu biss fic-cittadinanza Maltija u mill--ewwel beda jithabat biex jara kif jiksibha. Fil-fatt mill-ewwel applika ghaliha u hadha wara ftit xhur.*

*Beda johrog wahdu kull fil-ghaxija u kien jaghmel iljieli shah barra d-dar. Lili ma kienx ikun iridni nohrog mid-dar. Meta beda johrog ‘l hemm u ‘l hawn, lanqas biss baqa' jfittixni sesswalment u donnu li jien ma bqajtx nezisti ghalih.*

*Flus kwazi qatt ma tani; anzi kont immantnih jien mill-flus li kienu jaghtuni missieri u ommi. Kien jghid li ser jiftah ‘business' imma minn dan qatt m'ghamel xejn.*

*Hu wkoll hadli flusi, madwar tiet elef liri Maltin. Beda jikkonvincini li kellu bzonn xi flus ghall-‘business' u kont naghtih diversi somom ta' flus ghal dan l-iskop.*

*Beda jsiefer bl-addocc u beda jmur Franza, l-Germanja etc. Kif ha c-cittadinanza Maltija u l-passaport Malti, xi seba' (7) xhur wara z-zwieg, beda jsiefer wahda wara l-ohra u kien dejjem isiefer wahdu. Kien isiefer bi flusi u dejjem jghid li jmur barra ghal ‘business'. Imma qatt ma qalli x'business kien.*

*Ahna konna krejna ‘furnished flat' go San Gwann. Il-kera kont inhallasha jien mill-flus li kienu jaghtuni missieri u ommi. Wara xi sena u nofs miz-zwieg, li kien diga` sfaxxa totalment, qalli biex immur ghal ftit nghix m'ommi u missieri ghaliex qalli li kien se jsiefer tiet xhur fuq ‘business'. Jiena hekk ghamilt u mort ma' ommi u missieri kif kien qalli. Siefer u minn dakinhar sal-lum qatt ma rajtu aktar. Jidher car li kien harab minn Malta wara li*

*permezz tieghi kien kiseb passaport u cittadinanza Maltija.*

*Dan gara xi tiet snin ilu. Nghid illi z-zwieg taghna kien ingann totali min-naha ta' zewgi. Inhoss li rnexxielu jidhak bija f'kollox u qatt ma mantnieni; flok ghex Malta kif kien qalli, qabad u harab; ried juzani bl-aktar mod salvagg sesswalment. Kien jinteressah biss ic-cittadinanza Maltija u nqeda bija ghal dan. Uza l-istess passaport Malti sabiex harab minn Malta lejn pajjiz iehor u lanqas biss naf x'sar minnu".*

Illi dan kollu gie wkoll korroborat mix-xhieda li tat **Mary Grech** omm l-attrici fl-affidavit taghha.

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jidher car Ii l-unika skop li kellu l-konvenut assenti li kien ta' cittadinanza Tunezina, li jizzewweg lill-attrici kien biss li *tramite* l-istess unjoni huwa jakkwista c-cittadinanza Maltija, u sfortunatament din hija wahda mill-hafna kazi li din il-Qorti ltaqghet maghhom fejn irgiel stranjieri juzaw lin-nisa Maltin ghal dan l-iskop.

Illi fil-fatt jidher ukoll f'dan il-kaz li l-attrici tul il-konvivenza taghha mal-istess konvenut kienet assoggettata ghal diversi abbuzi fis-sens li l-konvenut kien u baqa' jghix hajja ta' guvni, juzaha meta jrid hu, jghix maghha meta jrid hu, u sahansitra ghex minn fuqha u wkoll hadilha l-flus taghha li gew taht idejh. Meta xeba' minn dan kollu qabad u abbanduna lill-attrici, bir-rizultat li minn *circa* mis-sena 1998 (tliet snin qabel l-affidavit attrici tat-3 ta' Lulju 2001) huwa harab minn Malta u ma resaqx izjed 'l hawn.

Illi minn dan kollu jirrizulta car u palez illi l-partijiet odjerni dahlu ghal dan iz-zwieg ghal skop uniku u cjoe` dak li l-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija, u ma kien hemm l-ebda sentimenti li remotament jindikaw li l-partijiet fehmu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, u fil-kaz tal-attrici jidher li hija kienet ghal kollox fidila, fis-sens li minhabba l-infatwazzjoni li jidher li hija kellha ghall-konvenut, hija naqset li tikkoncepixxi l-portata tal-pass li

kienet ser taghmel, anke jekk kien ovvju li l-insistenza tal-konvenut kienet immirata ghal skop wiehed – li jakkwista l-passaport Malti.

Illi fid-dawl ta’ dan jidher li kif inghad f’diversi sentenzi ta’ dawn il-Qrati, li dan kien zwieg ta’ konvenjenza, u ghalhekk null abbazi tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255**.

Illi mill-banda l-ohra l-premessi attrici abbazi tal-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255 ma jidhirx li gew ippruvati mill-provi prodotti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talba attrici, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti tal-31 ta’ Mejju 1997 huwa null skond l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b’dan li l-Kuraturi Deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM-------------------------------